Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B** **DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI**

tas-17 ta' Lulju 2012

li temenda d-Deċiżjoni 2010/472/UE fir-rigward tar-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali li huma marbuta mal-vajrus tas-Simbu u l-marda epiżootika tal-emorraġija

(notifikata bid-dokument numru C(2012) 4831)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2012/411/UE)

(ĠU L 192, 20.7.2012, p. 16)

Kkoreġuta minn:

►**C1** Emendi, Ġ.U. L 331, 1.12.2012, p. 57 (2012/411/UE)

▼B

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-17 ta' Lulju 2012

li temenda d-Deċiżjoni 2010/472/UE fir-rigward tar-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali li huma marbuta mal-vajrus tas-Simbu u l-marda epiżootika tal-emorraġija

(notifikata bid-dokument numru C(2012) 4831)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2012/411/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE tat-13 ta' Lulju 1992 li tistabbilixxi l-ħtiġijiet dwar saħħa tal-annimali li jirregolaw il-kummerċ ta', u l-importazzjoni fil-Komunità ta' annimali, semen, ova u embrijuni mhux suġġetti għal ħtiġijiet ta' saħħa tal-annimali meħtieġa f'regoli speċifiċi tal-Komunità li hemm referenza għalihom fl-Anness A(I) tad-Direttiva 90/425/KEE [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 17(2)(b), l-ewwel inċiż tal-Artikolu 18(1), u l-fraži introduttorja u l-punt (b) tal-Artikolu 19 tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/472/UE tas-26 ta' Awwissu 2010 dwar l-importazzjonijiet ta' semen, ova u embrijuni ta' annimali tal-ispeċi ovina u kaprina fl-Unjoni [2] tistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi jew partijiet tagħhom li minnhom l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni fl-Unjoni ta' kunsinni ta' semen, ova u embrijuni ta' annimali tal-ispeċi ovina u kaprina. Hija tistabbilixxi wkoll il-garanziji addizzjonali rigward mard speċifiku tal-annimali li jridu jingħataw minn ċerti pajjiżi terzi jew partijiet minnhom elenkati fl-Annessi I u III tagħhom u tistabbilixxi l-mudell taċ-ċertifikati tas-saħħa għal tali importazzjonijiet fil-Parti 2 tal-Annessi II u IV tagħha.

(2) Il-ħtiġijiet tas-saħħa tal-annimali marbuta mal-bluetongue fil-mudell taċ-ċertifikati tas-saħħa stipulati fil-Parti 2 tal-Annessi II u IV għad-Deċiżjoni 2010/472/UE huma bbażati fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kapitolu 8.3 tal-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Terrestri tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (OIE) li tittratta dik il-marda. Dak il-Kapitolu jirrakkomanda firxa sħiħa ta' miżuri għall-mitigazzjoni tar-riskju li huma mmirati jew lejn il-ħarsien tal-mammiferi ospitanti mill-espożizzjoni tal-vettur infettiv jew lejn l-inattivazzjoni tal-vajrus minn antikorpi.

(3) Barra minn hekk, l-OIE stabbilixxiet Kapitolu dwar is-Sorveljanza għal vetturi artropodi tal-mard tal-annimali fil-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Terrestri. Dawk ir-rakkomandazzjonijiet ma jinkludux il-monitoraġġ ta' ruminanti għal antikorpi għall-vajrusis tas-Simbu, bħall-vajrusis tal-Akabane u l-Aino tal-familja *Bunyaviridae*, li fil-passat kien meqjus bħala metodu ekonomiku għad-determinazzjoni tad-distribuzzjoni ta' vetturi kompetenti tal-blutongue sakemm sar disponibbli aktar tagħrif dwar il-firxa ta' dawk il-mardiet.

[1] ĠU L 268, 14.9.1992, p. 54.
[2] ĠU L 228, 31.8.2010, p. 74.

▼B

(4) Ukoll, l-OIE ma telenkax il-mard Akabane u Aino fil-Kodiċi tas-Saħħa tal-Annimali Terrestri. Konsegwentement, ir-rekwiżit għall-ittestjar annwali għal dak il-mard biex tkun provata l-assenza tal-vettur għandu jitħassar mill-Annessi I u III għad-Deċiżjoni 2010/472/UE u mill-mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa stipulati fil-Parti 2 tal-Annessi II u IV tagħha.

(5) Barra minn hekk, ir-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali għall-marda epiżootika tal-emorraġija fil-mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa fil-Parti 2 tal-Annessi II u IV għad-Deċiżjoni 2010/472/UE mhumiex kompletament konsistenti mar-rekwiżiti stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/630/UE tal-20 ta' Settembru 2011 dwar l-importazzjonijiet fl-Unjoni tas-semen tal-annimali domestiċi tal-ispeċi tal-bovini ([1]) u r-rakkomandazzjonijiet tal-Manwal tat-Testijiet Dijanjostiċi u t-Tilqim għall-Annimali Terrestri tal-OIE. Għaldaqstant, dawk il-mudelli taċ-ċertifikati tas-saħħa għandhom jiġu emendati biex iqisu r-rekwiżiti stipulati fid-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni 2011/630/UE u r-rakkomandazzjonijiet ta' dak il-Manwal.

(6) L-Annessi għad-Deċiżjoni 2010/472/UE għandhom għalhekk jiġu emendati skont dan.

(7) Biex jiġi evitat kull tfixkil fil-kummerċ, l-użu ta' ċertifikati tas-saħħa maħruġa b'konformità mad-Deċiżjoni 2010/472/UE fil-verżjoni tagħha qabel l-emendi introdotti minn din id-Deċiżjoni għandu jiġi awtorizzat matul perjodu tranżitorju, soġġett għal ċerti kundizzjonijiet.

(8) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Annessi għad-Deċiżjoni 2010/472/UE huma emendati b'konformità mal-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Għal perjodu tranżitorju sat-30 ta' Ġunju 2013, l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi ta' kunsinni ta':

(a) semen ta' annimali tal-ispeċijiet ovini u kaprini li huma akkumpanjati minn ċertifikat tas-saħħa maħruġ mhux aktar tard mill-31 ta' Mejju 2013 b'konformità mal-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa stabbilit fit-Taqsima A tal-Parti 2 tal-Anness II għad-Deċiżjoni 2010/472/UE fil-verżjoni tagħha qabel l-emendi introdotti minn din id-Deċiżjoni.

(b) Ova u embrijuni ta' annimali tal-ispeċi ovina u kaprina akkumpanjati minn ċertifikat tas-saħħa maħruġ mhux aktar tard mill-31 ta' Mejju 2013 b'konformità mal-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa stabbilit fil-Parti 2 tal-Anness IV għad-Deċiżjoni 2010/472/UE fil-verżjoni tagħha qabel l-emendi introdotti minn din id-Deċiżjoni.

([1]) ĠU L 247, 24.9.2011, p. 32.

▼B

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2013.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

▼B

ANNESS

L-Annessi għad-Deċiżjoni 2010/472/UE huma emendati kif ġej:

(1) L-Anness I huwa sostitwit b'dan li ġej

"ANNESS I

Lista ta' pajjiżi terzi u partijiet tagħhom li minnhom l-Istati Membri jridu jawtorizzaw l-importazzjonijiet tal-kunsinni tas-semen tal-annimali tal-ispeċi ovina u kaprina

Kodiċi ISO	Isem il-pajjiż terz	Rimarki	
		Deskrizzjoni tat-territorju (*jekk xieraq*)	Garanziji addizzjonali
AU	L-Awstralja		Il-garanzija addizzjonali fir-rigward tal-ittestjar stabbilit fil-punt II.4.9.1. tal-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa stabbilit fit-Taqsima A tal-Parti 2 tal-Anness II hija obbligatorja.
CA	Il-Kanada		Il-garanzija addizzjonali fir-rigward tal-ittestjar stabbilit fil-punt II.4.9.1. tal-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa stabbilit fit-Taqsima A tal-Parti 2 tal-Anness II hija obbligatorja.
CH	L-Isvizzera (*)		
CL	Iċ-Ċilì		
GL	Greenland		
HR	Il-Kroazja		
IS	L-Islanda		
NZ	In-New Zealand		
PM	Saint Pierre u Miquelon		
US	L-Istati Uniti		Il-garanzija addizzjonali fir-rigward tal-ittestjar stabbilit fil-punt II.4.9.1. tal-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa stabbilit fit-Taqsima A tal-Parti 2 tal-Anness II hija obbligatorja.

(*) Ċertifikati b'konformità mal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-Kummerċ fi Prodotti Agrikoli kif approvat mid-Deċiżjoni 2002/309/KE, Euratom tal-Kunsill, u tal-Kummissjoni fir-rigward tal-Ftehim dwar il-Koperazzjoni Xjentifika u Teknoloġika, tal-4 ta' April 2002 dwar il-konklużjoni tas-seba' Ftehimiet mal-Konfederazzjoni Svizzera (ĠU L 114, 30.4.2002, p. 1)."

▼B

(2) Fil-Parti 2 tal-Anness II, it-Taqsima A hija sostitwita b'dan li ġej:

“Taqsima A

Mudell 1 — Ċertifikat tas-saħħa għas-semen mibgħut minn ċentru tal-ġbir tas-semen approvat tal-oriġini tas-semen

PAJJIŻ: **Ċertifikat veterinarju għall-UE**

Parti I: Dettalji tal-kunsinna mibgħuta

I.1. Kunsinnatur Isem Indirizz Tel.		I.2. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat	I.2.a.
		I.3. Awtorità kompetenti ċentrali	
		I.4. Awtorità kompetenti lokali	
I.5. Destinatarju Isem Indirizz Kodiċi postali Tel.		I.6. Persuna responsabbli mill-kunsinna fl-UE Isem Indirizz Kodiċi postali Tel.	
I.7. Pajjiż tal-oriġini Kodiċi ISO	I.8. Reġjun tal-oriġini Kodiċi	I.9. Pajjiż tad-destinazzjoni Kodiċi ISO	I.10. Reġjun tad-destinazzjoni Kodiċi
I.11. Post tal-oriġini Isem Nru tal-approvazzjoni Indirizz Isem Nru tal-approvazzjoni Indirizz Isem Nru tal-approvazzjoni Indirizz		I.12. Post tad-destinazzjoni Isem Indirizz Kodiċi postali	
I.13. Post tat-tagħbija		I.14. Data tat-tluq	
I.15. Mezz ta' trasport Ajruplan ☐ Vapur ☐ Vagun tal-ferrovija ☐ Vettura tat-triq ☐ Oħrajn ☐ Identifikazzjoni Referenzi dokumentarji		I.16. BIP tad-dħul fl-UE I.17.	
I.18. Deskrizzjoni tal-komodità		I.19. Kodiċi tal-komodità (Kodiċi HS) **05 11 99 85**	
		I.20. Kwantità	
I.21.		I.22. Għadd ta' pakketti	
I.23. Nru tas-Siġill/Kontenitur		I.24.	
I.25. Komoditajiet iċċertifikati għal: Riproduzzjoni artifiċjali ☐			
I.26. Għal tranżitu mill-UE lejn pajjiż terz ☐ Pajjiż Terz Kodiċi ISO		I.27. Għall-importazzjoni jew għad-dħul fl-UE ☐	

I.28. Identifikazzjoni tal-komoditajiet

Speċi (Isem xjentifiku)	Razza	Identità tad-donatur	Id-data tal-ġbir	Numru tal-approvazzjoni taċ-ċentru	Kwantità

▼B

PAJJIŻ **Semen ta' ovini u kaprini – Taqsima A**

Parti II: Ċertifikazzjoni

II.	Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

Jien, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan niċċertifika li:

II.1. Il-pajjiż esportatur .....
(isem il-pajjiż esportatur) ([2])

II.1.1. kien ħieles mir-rinderpest, il-peste des petits ruminants, il-ġidri tan-nagħaġ u tal-mogħoż, il-plewropnewmonja tal-kaprini li tittieħed u d-deni ta' Rift Valley matul it-12-il xahar minnufih qabel il-ġbir tas-semen għall-esportazzjoni u sad-data tat-tluq tiegħu lejn Unjoni u ma sar l-ebda tilqim kontra dan il-mard matul dak il-perjodu;

II.1.2. kien ħieles mill-marda tal-ilsien u d-dwiefer matul it-12-il xahar minnufih qabel il-ġbir tas-semen għall-esportazzjoni u sad-data tat-tluq lejn l-Unjoni u ma sar l-ebda tilqim kontra dawn il-mard matul l-istess perjodu.

II.2. Iċ-ċentru tal-ġbir tas-semen deskritt fil-Kaxxa I.11. u li fih inġabar u nħażen is-semen li jrid jiġi esportat:

II.2.1. jissodisfa l-kundizzjonijiet għall-approvazzjoni taċ-ċentri tal-ġbir tas-semen stipulati fil-Kapitolu I(I)(1) tal-Anness D għad-Direttiva 92/65/KEE;

II.2.2. hu mħaddem u ssorveljat b'konformità mal-kundizzjonijiet applikabbli għaċ-ċentri tal-ġbir tas-semen u ċ-ċentri tal-ħażna stabbiliti fil-Kapitolu I(II)(1) tal-Anness D għad-Direttiva 92/65/KEE.

II.3. L-annimali ovini/kaprini ([1]) li hemm fiċ-ċentru tal-ġbir tas-semen:

II.3.1. qabel ma jinżammu fl-akkomodazzjoni ta' kwarantina deskritta fil-punt II.3.3.,

([1])([4]) jew [II.3.1.1. joriġinaw mit-territorju deskritt fil-Kaxxa I.8, li ġie rikonoxxut bħala uffiċjalment ħieles mill-bruċelloża (*B. melitensis*),]

([1])jew [II.3.1.1. kienu jappartjenu għal kumpanija li kisbet u żammet l-istat tagħha bħala ħielsa mill-bruċelloża (*B. melitensis*) b'konformità mad-Direttiva 91/68/KEE,]

([1])jew [II.3.1.1. joriġinaw minn kumpanija, fejn fir-rigward tal-bruċelloża (*B. melitensis*) l-annimali kollha suxxettibbli kienu ħielsa minn sinjali kliniċi jew kwalunkwe sinjali ta' din il-marda għall-aħħar 12-il xahar, l-ebda annimal ovin u kaprin ma tlaqqam kontra din il-marda, ħlief dawk imlaqqma minn tilqima Rev. 1 aktar minn sentejn ilu, u l-annimali ovini u kaprini kollha b'età akbar minn sitt xhur kienu suġġetti għal mill-inqas żewġ testijiet ([3]), li saru b'riżultati negattivi fuq il-kampjuni meħuda fil- ..... (*data*) u fil- ..... (*data*) b'mill-inqas sitt xhur bejniethom, dawn tal-aħħar ikunu fi żmien 30 jum mid-dħul fl-akkomodazzjoni ta' kwarantina,]

u qabel ma kinux inżammu f'kumpanija bi status inferjuri;

II.3.1.2. inżammu kontinwament għal mill-anqas 60 jum f'kumpanija fejn l-ebda każ ta' epididimiti (*Brucella ovis*) li tittieħed ma ġiet dijanjostikata fl-aħħar 12-il xahar,

([1]) u [huma annimali tal-ispeċi ovini li matul is-60 jum qabel ma nżammu fl-akkomodazzjoni ta' kwarantina tagħhom deskritta fil-punt II.3.3. għaddew minn test ta' fissazzjoni komplementari, jew kwalunkwe test ieħor b'sensittività u speċifiċità li huma dokumentati ekwivalenti, biex tiġi identifikata epididimiti li tittieħed b'riżultat ta' inqas minn 50 ICFTU/ml;]

II.3.1.3. fl-aħjar għarfien tiegħi mhumiex ġejjin minn kumpaniji, u ma ġewx f'kuntatt ma' annimali ta' kumpanija, li, abbażi tas-sistema ta' notifika uffiċjali u skont id-dikjarazzjoni bil-miktub magħmula mis-sid, kwalunkwe waħda mill-mard li ġej kien klinikament ikkonfermat fil-perjodi msemmija f'(a) sa (d) qabel iż-żamma tagħhom fl-akkomodazzjoni ta' kwarantina deskritta fil-punt II.3.3.:

(a) l-agalaktja tan-nagħaġ u l-mogħoż li tittieħed (*Mycoplasma agalactiae, Mycoplasma capricolum, Mycoplasma mycoides var. mycoides* "kolonja kbira"), matul l-aħħar sitt xhur,

(b) il-paratuberkuloż u l-limfadeniti ġobnija, fl-aħħar 12-il xahar,

(c) l-adenomatoż pulmonarja, matul l-aħħar tliet snin;

([1]) jew [(d) il-Maedi/Visna għan-nagħaġ jew artrite virali kaprina/enċefalite għall-mogħoż, matul l-aħħar tliet snin;]

([1]) jew [(d) il-Maedi/Visna għan-nagħaġ jew l-artrite virali kaprina/enċefalite għall-mogħoż, matul l-aħħar 12-il xahar, l-annimali kollha infettati nqatlu u l-annimali li kien fadal sussegwentement irreaġixxew negattivament għal żewġ testijiet li saru b'mill-inqas sitt xhur bejniethom;]

II.3.2. ikunu għaddew mit-testijiet li ġejjin imwettqa fuq kampjun tad-demm meħuda fit-28 jum ta' qabel il-bidu tal-perjodu tal-kwarantina speċifikat fil-punt II.3.3.għal:

▼B

PAJJIŻ **Semen ta' ovini u kaprini – Taqsima A**

II.	Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.
	— il-bruċelloża (*B. melitensis*), b'riżultati negattivi f'kull każ b'konformità mal-Anness C għad-Direttiva 91/68/KEE;		
	— l-epididimiti li tittieħed (*Brucella. ovis*), fil-każ tan-nagħaġ biss, b'riżultati negattivi f'kull każ b'konformità mal-Anness D għad-Direttiva 91/68/KEE, jew kwalunkwe test ieħor b'sensittività u speċifiċità li huma dokumentati ekwivalenti;		
	— il-marda *border* b'konformità mal-punt 1.4(c) tal-Kapitolu II(II) tal-Anness D għad-Direttiva 92/65/KEE;		
	II.3.3. ikunu ssodisfaw il-perjodu ta' iżolament ta' mill-inqas 28 jum f'akkomodazzjoni ta' kwarantina speċifikament approvata għall-iskop mill-awtorità kompetenti u matul dak il-perjodu		
	II.3.3.1. l-annimali biss li mill-anqas ikollhom l-istess status tas-saħħa kienu preżenti fl-akkomodazzjoni ta' kwarantina;		
	II.3.3.2. l-annimali għaddew mit-testijiet li ġejjin, imwettqa mil-laboratorju approvat mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż esportatur fuq kampjuni meħuda mhux aktar kmieni minn 21 jum wara li l-annimali ġew ammessi għal akkomodazzjoni ta' kwarantina, għal:		
	— il-bruċelloża (*B. melitensis*) b'riżultati negattivi b'konformità mal-Anness C għad-Direttiva 91/68/KEE;		
	— l-epididimiti (*Brucella ovis*) li tittieħed, fil-każ tan-nagħaġ biss, b'riżultati negattivi b'konformità mal-Anness D għad-Direttiva 91/68/KEE, jew kwalunkwe test ieħor b'sensittività u speċifiċità li huma dokumentati ekwivalenti;		
	— il-marda *border* b'konformità mal-punt 1.6 tal-Kapitolu II(II) tal-Anness D għad-Direttiva 92/65/KEE;		
	II.3.4. ikunu għaddew mill-inqas darba fis-sena mit-testijiet ta' rutina b'riżultati negattivi għal:		
	— il-bruċelloża (*B. melitensis*) b'konformità mal-Anness C għad-Direttiva 91/68/KEE;		
	— l-epididimiti (*Brucella ovis*) li tittieħed, b'konformità mal-Anness D għad-Direttiva 91/68/KEE, jew kwalunkwe test ieħor b'sensitività u speċifiċità li huma dokumentati ekwivalenti; fil-każ tan-nagħaġ biss;		
	— il-marda border b'konformita mal-punt 5(c) tal-Kapitolu II(II) tal-Anness D għad-Direttiva 92/65/KEE.		
II.4.	Is-semen li jrid jiġi esportat inkiseb minn imtaten/bdabad donaturi ([1]) li:		
	II.4.1. iddaħħlu fiċ-ċentru tal-ġbir tas-semen approvat bil-permess espliċitu tal-veterinarju taċ-ċentru;		
	II.4.2. ma juru l-ebda sinjal kliniku ta' mard fil-jum meta ddaħħlu fiċ-ċentru tal-ġbir tas-semen approvat u fil-jum meta ngħabar is-semen;		
([1]) jew	[II.4.3. ma tlaqqmux kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer matul it-12-il xahar ta' qabel il-ġbir tas-semen;]		
([1]) jew	[II.4.3. kienu tlaqqmu kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer mill-inqas 30 jum qabel il-ġbir, u 5 % (b'minimu ta' ħames tibniet) ta' kull ġabra ntbagħtu għat-test ta' iżolament tal-vajrus għall-marda tal-ilsien u dwiefer b'riżultati negattivi;]		
	II.4.4. inżammu f'ċentru tal-ġbir tas-semen approvat għal perjodu kontinwu ta' mill-inqas 30 jum minnufih qabel il-ġbir tas-semen, fil-każ tal-ġbir ta' semen frisk;		
	II.4.5. ma servewx naturalment wara d-dħul tagħhom fl-akkomodazzjoni ta' kwarantina deskritta fil-punt II.3.3. u sa u inkluż il-jum tal-ġbir tas-semen;		
	II.4.6. inżammu fiċ-ċentri tal-ġbir tas-semen approvati:		
	II.4.6.1. li kienu ħielsa mill-marda tal-ilsien u d-dwiefer għal mill-anqas tliet xhur qabel il-ġbir tas-semen u 30 jum wara l-ġbir jew, fil-każ ta' semen frisk, sad-data ta' tluq, u li jinsabu fiċ-ċentru ta' żona b'raġġ ta' 10 kilometri fejn ma kien hemm l-ebda każ tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer għal mill-inqas 30 jum qabel il-ġbir tas-semen;		
	II.4.6.2. li kienu ħielsa, matul il-perjodu li beda 30 jum qabel il-ġbir u li ntemm 30 jum wara l-ġbir tas-semen jew, fil-każ ta' semen frisk, sad-data tat-tluq, mill-bruċelloża (*B. melitensis*), l-epididimiti li tittieħed (*Brucella. ovis*), l-antraċe u l-idrofobija;		

▼B

PAJJIŻ **Semen ta' ovini u kaprini – Taqsima A**

II.	Tagħrif dwar is-saħħa		II.a. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.
(1) jew	[II.4.7.	baqgħu fil-pajjiż esportatur għal mill-inqas l-aħħar sitt xhur qabel il-ġbir tas-semen li jrid jiġi esportat;]		
(1) jew	[II.4.7.	matul l-aħħar sitt xhur qabel il-ġbir tas-semen, dawn issodisfaw il-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali li japplikaw għad-donaturi tas-semen maħsub għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni u ġew importati fil-pajjiż esportatur mill-inqas 30 jum qabel il-ġbir tas-semen minn ..... (2);]		
(1) jew	[II.4.8.	inżammu f'pajjiż jew żona ħielsa mill-vajrus tal-bluetongue għal mill-inqas 60 jum qabel u matul il-ġbir tas-semen;]		
(1) jew	[II.4.8.	inżammu f'perjodu staġjonalment ħieles mill-vajrus tal-bluetongue f'żona staġjonalment ħielsa għal mill-inqas 60 jum qabel u matul il-ġbir tas-semen;]		
(1) jew	[II.4.8.	inżammu fi stabbiliment protett mill-vettur għal mill-inqas 60 jum qabel u matul il-ġbir tas-semen;]		
(1) jew	[II.4.8.	għaddew minn test seroloġiku biex jiġu identifikati antikorpi għall-grupp tal-vajrus tal-bluetongue, imwettaq b'konformità mal-Manwal tat-Testijiet Dijanjostiċi u t-Tilqim għall-Annimali Terrestri tal-OIE, b'riżultati negattivi, mill-inqas kull 60 jum tul il-perjodu kollu tal-ġbir bejn 21 u 60 jum wara l-ġbir finali tas-semen għal din il-kunsinna ta' semen;]		
(1) jew	[II.4.8.	kienu suġġetti għal test ta' identifikazzjoni tal-aġent għall-vajrus tal-bluetongue, imwettaq b'konformità mal-Manwal tat-Testijiet Dijanjostiċi u t-Tilqim għall-Annimali Terrestri b'riżultati negattivi fuq kampjuni tad-demm meħuda fil-bidu tal-ġbir u fil-ġbir finali għal din il-kunsinna ta' semen u mill-inqas kull sebat ijiem (test għall-iżolazzjoni tal-vajrus) jew mill-anqas kull 28 jum (test tal-PCR) matul il-ġbir tas-semen għal din il-kunsinna ta' semen;]		
	II.4.9.	kienu residenti fil-pajjiż esportatur,		
(1)(5) jew	[II.4.9.1.	li skont is-sejbiet uffiċjali huwa ħieles minn mard epiżootiku tal-emorraġija (EHD);]		
(1) jew	[II.4.9.1.	fejn, skont sejbiet uffiċjali, jeżistu s-serotipi li ġejjin ta' mard epiżootiku tal-emorraġija (EHD): ..... u kienu suġġetti b'riżultati negattivi f'kull każ, għal:		
	(1) jew	[f'żewġ okkażjonijiet b'mhux aktar minn 12-il xahar bejniethom f'test seroloġiku (6) imwettaq f'laboratorju approvat fuq kampjuni tad-demm meħuda qabel u mhux inqas minn 21 jum wara l-ġbir għal din il-kunsinna ta' semen.]		
	(1) jew	[test seroloġiku (6) biex jiġi identifikat l-antikorp għall-grupp EHDV, imwettaq fuq kampjuni meħudin f'intervalli ta' mhux aktar minn 60 jum tul il-perjodu tal-ġbir u bejn 21 u 60 jum wara l-ġbir finali għal din il-kunsinna ta' semen.]		
	(1) jew	[test għall-identifikazzjoni tal-aġent (6) imwettaq f'laboratorji approvati fuq kampjuni tad-demm meħuda fil-bidu u t-tmiem ta', u mill-anqas kull sebat ijiem (test tal-iżolament tal-vajrus) jew mill-anqas kull 28 jum (test tal-PCR) tul il-ġbir għal din il-kunsinna ta' semen.]]		
II.5.	Is-semen li jrid jiġi esportat:			
	II.5.1.	inġabar wara d-data ta' meta ċ-ċentru tal-ġbir tas-semen ġie approvat mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż esportatur;		
	II.5.2.	inġabar, ġie proċessat, ippreservat, maħżun u trasportat b'konformità mar-rekwiżiti applikabbli għas-semen stipulati fil-Kapitolu III(I) tal-Anness D għad-Direttiva 92/65/KEE;		
(1) jew	[II.5.3.	jissodisfa r-rekwiżiti tal-Kapitolu A(I) tal-Anness VIII għar-Regolament (KE) Nru 999/2001;]		
(1) jew	[II.5.3.	jissodisfa r-rekwiżiti tal-Kapitolu A(I) tal-Anness VIII għar-Regolament (KE) Nru 999/2001 u huwa maħsub għal Stat Membru li jibbenefika, għat-territorju kollu tiegħu jew parti minnu, mid-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-punt (b) jew (c) tal-Kapitolu A(I) tal-Anness VIII għar-Regolament (KE) Nru 999/2001 u l-annimali donaturi jikkonformaw rigward l-iscrapie mal-garanziji stipulati mill-programm nazzjonali għall-kontroll tal-iscrapie msemmi f'dawk il-punti u mal-garanziji (7) mitluba mill-Istat Membru ta' destinazzjoni;]		
	II.5.4.	intbagħat lejn il-post tat-tagħbija f'kontenitur issiġillat b'konformità mar-rekwiżiti għas-semen li għandu jkun soġġett għall-kummerċ stabbilit fil-punt 1.4 tal-Kapitolu III(I) tal-Anness D għad-Direttiva 92/65/KEE u bin-numru indikat fil-Kaxxa I.23.		
(1) jew	[II.6.	Ma żdiedu l-ebda antibijotiċi mas-semen.]		

▼B

PAJJIŻ **Semen ta' ovini u kaprini – Taqsima A**

II.	Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

(1) jew [II.6. L-antibijotiku jew it-taħlita ta' antibijotiċi li ġejja ġiet miżjuda biex tipproduċi konċentrazzjoni fis-semen dilwit finali ta' mhux anqas minn (8):

.....]

Noti

Parti I:

Kaxxa I.6: *Persuna responsabbli mit-tagħbija fl-UE*: din il-kaxxa għandha timtela biss jekk ikun ċertifikat għal komodità fi tranżitu

Kaxxa I.11: *Il-post tal-oriġini* għandu jikkorrispondi maċ-ċentru tal-ġbir tas-semen approvat li fih inġabar is-semen u elenkat b'konformità mal-Artikolu 17(3)(b) tad-Direttiva 92/65/KEE fuq il-websajt tal-Kummissjoni: http://ec.europa.eu/food/animal/semen_ova/ovine/index_en.htm.

Kaxxa I.22: l-għadd ta' pakketti għandu jikkorrispondi mal-għadd ta' konteniturі.

Kaxxa I.23: l-identifikazzjoni tal-kontenitur u n-numru tas-siġill għandhom jiġu indikati.

Kaxxa I.26: imla skont jekk hux ċertifikat ta' tranżitu jew tal-importazzjoni.

Kaxxa I.27: imla skont jekk hux ċertifikat ta' tranżitu jew tal-importazzjoni.

Kaxxa I.28: Speċi: agħżel bejn "*Ovis aries*" jew "*Capra hircus*" kif xieraq.

L-identità tad-donatur għandha tikkorrispondi mal-identifikazzjoni uffiċjali tal-annimal.

Id-data tal-ġbir għandha tiġi indikata f'dan il-format: jj.xx.ssss.

In-numru tal-approvazzjoni taċ-ċentru għandu jikkorrispondi man-numru tal-approvazzjoni taċ-ċentru tal-ġbir tas-semen indikat fil-Kaxxa I.11.

Parti II:

(1) Ħassar kif meħtieġ.

(2) Il-pajjiżi terzi biss elenkati fl-Anness I għad-Deċiżjoni 2010/472/UE.

(3) It-testijiet għandhom isiru b'konformità mal-Anness C għad-Direttiva 91/68/KEE.

(4) Għat-territorju li jidher mal-annotazzjoni "V" biss fil-kolonna 6 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 206/2010 (ĠU L 73, 20.3.2010, p. 1).

(5) Ara r-rimarki għall-pajjiż esportatur ikkonċernat fl-Anness I għad-Deċiżjoni 2010/472/UE.

(6) L-istandards għat-testijiet dijanjostiċi tal-vajrus EHD huma deskritti fil-Kapitolu 2.1.3. tal-Manwal tal-OIE dwar it-Testijiet Dijanjostiċi u t-Tilqim għall-Annimali Terrestri.

(7) Garanziji addizzjonali kif stipulati fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 546/2006 (ĠU L 94, 1.4.2006, p. 28).

(8) Daħħal l-ismijiet u l-konċentrazzjonijiet.

Veterinarju uffiċjali (*)

Isem (b'ittri kapitali): Kwalifika u titlu:

Data: Firma:

Timbru:

(*) Il-kulur tal-firma u tat-timbru għandu jkun differenti minn dak tal-istampar."

▼B

(3) L-Anness III huwa sostitwit kif ġej:

"ANNESS III

Lista ta' pajjiżi terzi u partijiet mit-territorji tagħhom li minnhom l-Istati Membri jridu jawtorizzaw il-kunsinni ta' ova u embrijuni ta' annimali tal-ispeċi ovina u kaprina

Kodiċi ISO	Isem il-pajjiż terz	Rimarki	
		Deskrizzjoni tat-territorju *(jekk xieraq)*	Garanziji addizzjonali
AU	L-Awstralja		Il-garanzija addizzjonali fir-rigward tal-ittestjar stabbilit fil-punt II.2.6.1 tal-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa stabbilit fil-Parti 2 tal-Anness IV hija obbligatorja.
CA	Il-Kanada		Il-garanzija addizzjonali fir-rigward tal-ittestjar stabbilit fil-punt II.2.6.1 tal-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa stabbilit fil-Parti 2 tal-Anness IV hija obbligatorja.
CH	L-Isvizzera (*)		
CL	Iċ-Ċilì		
GL	Greenland		
HR	Il-Kroazja		
IS	L-Islanda		
NZ	In-New Zealand		
PM	Saint Pierre u Miquelon		
US	L-Istati Uniti		Il-garanzija addizzjonali fir-rigward tal-ittestjar stabbilit fil-punt II.2.6.1 tal-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa stabbilit fil-Parti 2 tal-Anness IV hija obbligatorja.

(*) Ċertifikati b'konformità mal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-Kummerċ fi Prodotti Agrikoli kif approvat mid-Deċiżjoni 2002/309/KE, Euratom."

▼B

(4) Parti 2 tal-Anness IV hija sostitwita b'dan li ġej:

"PARTI 2

Mudelli taċ-ċertifikat tas-saħħa għall-importazzjonijiet ta' kunsinni ta' ova u embrijuni ta' annimali tal-ispeċi ovina u kaprina

PAJJIŻ: **Ċertifikat veterinarju għall-UE**

Parti I: Dettalji tal-kunsinna mibgħuta

I.1. Kunsinnatur
Isem
Indirizz
Tel.

I.2. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat | I.2.a.

I.3. Awtorità kompetenti ċentrali

I.4. Awtorità kompetenti lokali

I.5. Destinatarju
Isem
Indirizz
Kodiċi postali
Tel.

I.6. Persuna responsabbli mill-kunsinna fl-UE
Isem
Indirizz
Kodiċi postali
Tel.

I.7. Pajjiż tal-oriġini	Kodiċi ISO	I.8. Reġjun tal-oriġini	Kodiċi

I.9. Pajjiż tad-destinazzjoni	Kodiċi ISO	I.10. Reġjun tad-destinazzjoni	Kodiċi

I.11. Post tal-oriġini
Isem — Nru tal-approvazzjoni
Indirizz
Isem — Nru tal-approvazzjoni
Indirizz
Isem — Nru tal-approvazzjoni
Indirizz

I.12. Post tad-destinazzjoni
Isem
Indirizz
Kodiċi postali

I.13. Post tat-tagħbija

I.14. Data tat-tluq

I.15. Mezz ta' trasport
Ajruplan ☐ Vapur ☐ Vagun tal-ferrovija ☐
Vettura tat-triq ☐ Oħrajn ☐
Identifikazzjoni
Referenzi dokumentarji

I.16. BIP tad-dħul fl-UE

I.17.

I.18. Deskrizzjoni tal-komodità

I.19. Kodiċi tal-komodità (Kodiċi HS)
05 11 99 85

I.20. Kwantità

I.21.

I.22. Għadd ta' pakketti

I.23. Nru tas-Siġill/tal-Kontenitur

I.24.

I.25. Komoditajiet iċċertifikati għal:
Riproduzzjoni artifiċjali ☐

I.26. Għal tranżitu mill-UE lejn pajjiż terz ☐
Pajjiż terz — Kodiċi ISO

I.27. Għall-importazzjoni jew għad-dħul fl-UE ☐

I.28. Identifikazzjoni tal-komoditajiet

Speċi (Isem xjentifiku)	Razza	Kategorija	Identità tad-donatur	Id-data tal-ġbir	Id-data tal-iffriżar	Numru tal-approvazzjoni tat-tim	Kwantità

▼B

PAJJIŻ **Ova/embrijuni tal-ovini u l-kaprini**

II.	Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

Parti II: Ċertifikazzjoni

Jien, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan niċċertifika li:

II.1. Il-pajjiż esportatur .....
(isem il-pajjiż esportatur) (2)

II.1.1. kien ħieles mir-rinderpest, il-peste des petits ruminants, il-ġidri tan-nagħaġ u tal-mogħoż, il-plewropnewmonja tal-kaprini li tittieħed u d-deni ta' Rift Valley matul it-12-il xahar minnufih qabel il-ġbir tal-ova/embrijuni (1) għall-esportazzjoni u sad-data tat-tluq tagħhom lejn l-Unjoni u ma sar l-ebda tilqim kontra dan il-mard matul dak il-perjodu;

(1) jew [II.1.2. kien ħieles mill-marda tal-ilsien u d-dwiefer matul it-12-il xahar immedjatament qabel il-ġbir tal-ova/embrijuni (1) u ma laqqamx kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer matul dak il-perjodu;]

(1) jew [II.1.2. ma kienx ħieles mill-marda tal-ilsien u d-dwiefer matul it-12-il xahar minnufih qabel il-ġbir tal-ova/embrijuni (1) u/jew laqqam kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer matul dak il-perjodu u d-donaturi femminili ġew minn kumpaniji fejn l-ebda annimal ma tlaqqam kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer matul it-30 jum qabel il-ġbir u l-ebda annimal ta' speċi suxxettibbli ma wera sinjali kliniċi tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer matul it-30 jum qabel u mill-inqas it-30 jum ta' wara, il-ġbir tal-ova/embrijuni (1) u l-ova/embrijuni (1) ma kinux suġġetti għall-penetrazzjoni taż-*zona pellucida*;]

II.2. L-ova/embrijuni (1) li jridu jiġu esportati:

II.2.1. inġabru/ġew prodotti (1) u pproċessati fi stabbilimenti b'raġġ ta' 10 km minnhom fejn ma kien hemm l-ebda inċidenza ta' marda tal-ilsien u d-dwiefer, l-istomatite vesikulari, id-deni ta' Rift Valley fit-30 jum minnufih qabel il-ġbir tagħhom;

II.2.2. inħażnu f'kull ħin fi stabbilimenti approvati b'raġġ ta' 10 km minnhom fejn ma kien hemm l-ebda inċidenza tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer, l-stomatite vesikulari jew id-eni ta' Rift Valley minn meta nġabru sa 30 jum wara;

II.2.3. inġabru/ġew prodotti (1) mit-tim deskritt fil-Kaxxa I.11., li ġie approvat u sorveljat b'konformità mal-kundizzjonijiet għall-approvazzjoni u s-superviżjoni ta' gruppi tal-ġbir tal-embrijuni u gruppi tal-produzzjoni tal-embrijuni stabbiliti fil-Kapitolu I(III) tal-Anness D għad-Direttiva 92/65/KEE;

II.2.4. jissodisfaw il-kundizzjonijiet għall-ova u l-embrijuni stabbiliti fil-Kapitolu III(II) tal-Anness D għad-Direttiva 92/65/KEE;

II.2.5. ġejjin mid-donaturi femminili tal-ispeċi ovini/kaprini (1) li:

(1) jew [II.2.5.1. inżammu f'pajjiż jew żona ħielsa mill-vajrus tal-bluetongue għal mill-inqas 60 jum qabel u matul il-ġbir tal-ova/embrijuni (1);]

(1) jew [II.2.5.1. inżammu matul perjodu staġjonalment ħieles mill-vajrus tal-bluetongue f'żona staġjonalment ħielsa;]

(1) jew [II.2.5.1. inżammu protetti mill-vettur għal mill-inqas 60 jum qabel u matul il-ġbir tal-ova/embrijuni (1);]

(1) jew [II.2.5.1. għaddew minn test seroloġiku biex jiġu identifikati antikorpi għall-grupp tal-vajrus tal-bluetongue, imwettaq b'konformità mal-Manwal tat-Testijiet Dijanjostiċi u t-Tilqim għall-Annimali Terrestri fuq kampjuni meħuda bejn 21 u 60 jum wara l-ġbir tal-ova/embrijuni (1) u b'riżultati negattivi;]

(1) jew [II.2.5.1. għaddew minn test ta' identifikazzjoni tal-aġent għall-vajrus tal-bluetongue, imwettaq b'konformità mal-Manwal tat-Testijiet Dijanjostiċi u t-Tilqim għall-Annimali Terrestri fuq kampjun tad-demm meħud dakinhar tal-ġbir tal-ova/embrijuni (1) jew fil-jum tat-tbiċċir u b'riżultati negattivi;]

II.2.5.2. fl-aħjar għarfien tiegħi mhumiex ġejjin minn kumpaniji, u ma ġewx f'kuntatt ma' annimali ta' kumpanija, li, abbażi tas-sistema ta' notifika uffiċjali u skont id-dikjarazzjoni bil-miktub magħmula mis-sid, kwalunkwe waħda mill-mard li ġej kien klinikament ikkonfermat fil-perjodi msemmija f'(a) sa (d) qabel il-ġabra tal-ova/embrijuni (1) għall-esportazzjoni:

(a) l-agalaktja tan-nagħaġ jew tal-mogħoż li tittieħed (*Mycoplasma agalactiae, Mycoplasma capricolum, Mycoplasma mycoides var. mycoides* "kolonja kbira"), matul l-aħħar sitt xhur;

(b) il-paratuberkulożi u limfadeniti ġobnija, matul l-aħħar 12-il xahar;

(c) l-adenomatożi pulmonarja, matul l-aħħar tliet snin;

(1) jew [(d) il-Maedi/Visna għan-nagħaġ jew artrite virali kaprina/enċefalite għall-mogħoż, matul l-aħħar tliet snin;]

(1) jew [(d) il-Maedi/Visna għan-nagħaġ jew artrite virali kaprina/enċefalite għall-mogħoż, matul l-aħħar 12-il xahar, u l-annimali kollha infettati nqatlu u l-annimali li kien fadal sussegwentement irreaġixxew negattivament għal żewġ testijiet b'mill-inqas sitt xhur bejniethom;]

▼B

PAJJIŻ **Ova/embrijuni tal-ovini u l-kaprini**

II.	Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.
	II.2.5.3. ma wrew ebda sinjali kliniċi ta' mard fil-jum tal-ġbir tal-ova/embrijuni (1);		
(1)(4) jew	[II.2.5.4 joriġinaw mir-reġjun deskritt fil-Kaxxa I.8., li ġie rikonoxxut bħala uffiċjalment ħieles mill-bruċelloż (*B. melitensis*) u,]		
(1) jew	[II.2.5.4. kienu jappartjenu lil kumpanija li kisbet u żammet l-istat tagħha ta' ħielsa mill-bruċelloż (*B. melitensis*) b'konformità mad-Direttiva 91/68/KEE, u]		
(1) jew	[II.2.5.4. joriġinaw minn kumpaniji, fejn fir-rigward tal-bruċelloż (B. melitensis) l-annimali suxxettibbli kollha kienu ħielsa minn kwalunkwe kliniċi jew kwalunkwe sinjali ta' din il-marda għall-aħħar 12-il xahar, l-ebda annimali ovini u kaprini ma tlaqqmu kontra din il-marda, ħlief dawk imlaqqma minn tilqima Rev. 1 aktar minn sentejn ilu, u l-annimali ovini u kaprini kollha b'età akbar minn sitt xhur ġew suġġetti għal mill-inqas żewġ testijiet (3), li saru b'riżultati negattivi fuq kampjuni meħuda fil-..... (*data*) u fil-..... (*data*) b'mill-inqas sitt xhur bejniethom, b'tal-aħħar ikunu fi żmien 30 jum mill-ġbir tal-ova/embrijuni (1),]		
kif ukoll	ma kinux inżammu qabel f'kumpanija bi status inferjuri;		
(1) jew	[II.2.5.5. baqgħu fil-pajjiż esportatur għal mill-inqas l-aħħar sitt xhur qabel il-ġbir tal-ova/embrijuni (1) li jridu jiġu esportati;]		
(1) jew	[II.2.5.5 matul l-aħħar sitt xhur qabel il-ġbir tal-ova/embrijuni (1) dawn issodisfaw il-kundizzjonijiet dwar saħħet l-annimali li japplikaw għad-donaturi tal-ova/embrijuni (1) maħsuba għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni u ġew importati fil-pajjiż esportatur mill-inqas 30 jum qabel il-ġbir tal-ova/embrijuni (1) minn ..... (2);]		
	[II.2.6. inġabru/ġew prodotti (1) fil-pajjiż esportatur,		
(1) jew	[II.2.6.1. li skont is-sejbiet uffiċjali huma ħielsa minn mard epiżootiku tal-emorraġija (EHD);]		
► (1) *(1)(5) jew*	[II.2.6.1. fejn, skont sejbiet uffiċjali, jeżistu s-serotipi li ġejjin ta' mard epiżootiku tal-emorraġija (EHD): ..... u d-donaturi ġew suġġetti b'riżultati negattivi f'kull każ, għal:		
	(1) jew [f'żewġ okkażjonijiet b'mhux aktar minn 12-il xahar bejniethom f'test seroloġiku (6) mwettaq f'laboratorju approvat fuq kampjuni tad-demm meħuda qabel u mhux inqas minn 21 jum wara l-ġbir għal din il-kunsinna ta' ova/embrijuni (1);]		
	(1) jew [test seroloġiku (6) biex jiġi identifikat l-antikorp għall-grupp EHDV, imwettaq fuq kampjuni meħudin f'intervalli ta' mhux aktar minn 60 jum tul il-perjodu tal-ġbir u bejn 21 u 60 jum wara l-ġbir finali għal din il-kunsinna ta' ova/embrijuni (1);]]		
	(1) jew [test għall-identifikazzjoni tal-aġen (6) imwettaq f'laboratorji approvati fuq kampjuni tad-demm meħuda fil-bidu u t-tmiem ta', u mill-anqas kull sebat ijiem (test tal-iżolament tal-vajrus) jew mill-anqas kull 28 jum (test tal-PCR) tul il-ġbir għal din il-kunsinna ta' ova/embrijuni (1);]		
(1) jew	[II.2.7. jissodisfa r-rekwiżiti tal-Kapitolu A(I) tal-Anness VIII tar-Regolament (KE) Nru 999/2001;]		
(1) jew	[II.2.7. jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Kapitolu A(I) tal-Anness VIII għar-Regolament (KE) Nru 999/2001 u huma maħsuba għal Stat Membru li jibbenefika, għat-territorju kollu tiegħu jew parti minnu, mid-dispożizzjonijiet stipulati fil-punt (b) jew (c) tal-Kapitolu A(I) tal-Anness VIII għar-Regolament (KE) Nru 999/2001 u l-annimali donaturi jikkonformaw fir-rigward tal-iscrapie mal-garanziji stipulati mill-programm nazzjonali għall-kontroll tal-iscrapie msemmi f'dak il-punt u mal-garanziji (7) mitluba mill-Istat Membru ta' destinazzjoni;]		
	II.2.8. inġabru/ġew prodotti (1) wara d-data ta' meta t-tim tal-ġbir tal-embrijuni ġie approvat mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż esportatur;		
	II.2.9. ġew ipproċessati u maħżuna skont kundizzjonijiet approvati għal mill-anqas 30 jum minnufih wara l-ġbir/produzzjoni (1) tagħhom u ttrasportati skont kundizzjonijiet għall-ova u l-embrijuni stabbiliti fil-Kapitolu III(II) tal-Anness D għad-Direttiva 92/65/KEE;		
	II.2.10. intbagħtu lejn il-post tat-tagħbija f'kontenitur issiġillat b'konformità mar-rekwiżiti għat-trasport tal-embrijuni stipulati fil-punt 6 tal-Kapitolu III(II) tal-Anness D għad-Direttiva 92/65/KEE u bin-numru indikat fil-Kaxxa I.23;		
	(9) II.2.11. tnisslu minn inseminazzjoni artifiċjali/bħala riżultat tal-fertilizzazzjoni *in vitro* (1) bl-użu ta' semen li ġej minn ċentri tal-ġbir tas-semen.		
(1) jew	[II.2.11.1. approvati b'konformità mal-Artikolu 11(2) tad-Direttiva 92/65/KEE u li jinsabu fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea; u s-semen huwa konformi mar-rekwiżiti tad-Direttiva 92/65/KEE]		
(1) jew	[II.2.11.1. approvati b'konformità mal-Artikolu 17(3)(b) tad-Direttiva 92/65/KEE u li jinsabu f'pajjiż terz jew parti minnu elenkata fl-Anness I għad-Deċiżjoni 2010/472/UE, u s-semen jikkonforma mar-rekwiżiti stipulati fil-Parti 2 tal-Anness II ta' dik id-Deċiżjoni.] ◄		

► (1) C1

▼B

PAJJIŻ **Ova/embrijuni tal-ovini u l-kaprini**

II. Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Nru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

Noti

Parti I:

Kaxxa I.6: *Persuna responsabbli mit-tagħbija fl-UE*: din il-kaxxa għandha timtela biss jekk hi ċertifikat għal komodità fi tranżitu.

Kaxxa I.11: *Il-post tal-oriġini* għandu jikkorrispondi għat-tim tal-ġbir tal-embrijuni jew it-tim ta' produzzjoni tal-embrijuni approvat li permezz tiegħu l-ova/embrijuni ngabru/ġew prodotti, ipproċessati u maħżuna; u elenkati b'konformità mal-Artikolu 17(3)(b) tad-Direttiva 92/65/KEE fuq il-websajt tal-Kummissjoni: http://ec.europa.eu/food/animal/semen_ova/ovine/index_en.htm.

Kaxxa I.22: l-għadd ta' pakketti għandu jikkorrespondi mal-għadd ta' kontenituri.

Kaxxa I.23: l-identifikazzjoni tal-kontenitur u n-numru tas-siġill għandhom jiġu indikati.

Kaxxa I.26: imla skont jekk hux ċertifikat ta' tranżitu jew tal-importazzjoni.

Kaxxa I.27: imla skont jekk hux ċertifikat ta' tranżitu jew tal-importazzjoni.

Kaxxa I.28: *Speċi*: agħżel bejn "*Ovis aries*" jew "*Capra hircus*" kif xieraq.

Kategorija: speċifika jekk humiex embrijuni li ġejjin in vivo, ova li ġejja *in vivo*, embrijuni prodotti *in vitro* jew embrijuni mikromanipulati.

L-identità tad-donatur għandha tikkorrispondi mal-identifikazzjoni uffiċjali tal-annimal.

Id-data tal-ġbir għandha tiġi indikata għal embrijuni li ġejjin in vivo u f'dan il-format: jj.xx.ssss.

Id-data tal-iffriżar għandha tiġi indikata fil-format li ġej: jj.xx.ssss.

In-numru tal-approvazzjoni tat-tim: għandu jikkorrispondi għat-tim tal-ġbir tal-embrijuni jew it-tim ta' produzzjoni tal-embrijuni approvat li permezz tiegħu l-ova/embrijuni ngabru/ġew prodotti, ipproċessati u maħżuna; u elenkati b'konformità mal-Artikolu 17(3)(b) tad-Direttiva 92/65/KEE fuq il-websajt tal-Kummissjoni: http://ec.europa.eu/food/animal/semen_ova/ovine/index_en.htm.

Parti II:

([1]) Ħassar kif xieraq.

([2]) Pajjiżi terzi biss jew partijiet minnhom elenkati fl-Anness I għad-Deċiżjoni 2010/472/UE.

([3]) It-testijiet għandhom isiru b'konformità mal-Anness C għad-Direttiva 91/68/KEE.

([4]) Għat-territorju li jidher mal-annotazzjoni "V" biss fil-kolonna 6 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 206/2010 (ĠU L 73, 20.3.2010).

([5]) Ara r-rimarki għall-pajjiż esportatur ikkonċernat fl-Anness III għad-Deċiżjoni 2010/472/UE.

([6]) L-istandards għat-testijiet dijanjostiċi tal-vajrus EHD huma deskritti fil-Kapitolu 2.1.3 tal-Manwal tal-OIE dwar it-Testijiet Dijanjostiċi u t-Tilqim għall-Annimali Terrestri.

([7]) Garanziji addizzjonali kif stipulati fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 546/2006 (ĠU L 94, 1.4.2006, p. 28).

([8]) Iċ-ċentri tal-ġbir tas-semen approvati biss u elenkati b'konformità mal-Artikolu 11(4) u l-Artikolu 17(3)(b) tad-Direttiva 92/65/KEE fuq il-websajts tal-Kummissjoni:

http://ec.europa.eu/food/animal/approved_establishments/establishments_vet_field_en.htm;
http://ec.europa.eu/food/animal/semen_ova/ovine/index_en.htm.

([9]) Ma japplikax għall-ova.

Veterinarju uffiċjali (*)

Isem (b'ittri kapitali): Kwalifika u titlu:

Data: Firma:

Timbru:

(*) Il-kulur tal-firma u tat-timbru għandu jkun differenti minn dak tal-istampar."